MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 289/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alessio Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant **ID (569782)(M)** quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur ta' Jannar 2010 u Frar 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Filomena Micallef u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

U aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 1 ta' Frar, 2010 liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi wara li nghata d-digriet fejn l-appellant kien ordnat ihallas manteniment ta' €185 fix-xahar lil martu u lil ibnu flimkien, fil-21 ta' April, 2010 inghata sentenza finali mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja. F'din is-sentenza l-Qorti filwaqt illi nehhiet totalment il-manteniment favur il-mara u tat biss manteniment favur it-tifel, il-Qorti għaddiet biex fis-sentenza stess għamlet tpacija bejn dak li kellha tiehu l-mara minghand ir-ragel bħala manteniment mid-data li gie ordnat il-manteniment u dak li kellu jieħu r-raġel minghand martu tal-affarijiet kollha li ghamel fid-dar matrimonjali peress illi kienet parafernali tal-mara.

Illi wara li saret it-tpacija kien jonqos madwar €2000 dejn mir-ragel versu l-mara. Pero' l-Imhallef ma hax in konsiderazzjoni li kien hemm zmien fil-perjodu kkalkolat tal-manteniment meta l-appellant kien qed ihallas.

Għalhekk l-appellant isostni illi ġialadarba l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jogħġobha tiġbor l-ammont ta' xhur minn meta inħarġet l-Ordni tal-manteniment sad-data tas-sentenza finali u ddeċidiet illi tpaċihom fis-sentenza finali

ma’ dak li ghandha tagħti l-mara lir-ragel allura dak ma baqax iktar manteniment iżda ġie kreditu ċivili li ġie sorvolat ukoll peress illi l-appellant kien ħallas xi manteniment f’dan iż-żmien.

Illi s-sentenza finali tal-Qorti Civili biddlet il-kwalita’ w definizzjoni tal-manteniment li huwa pagament regolari u stabbiliet kreditu li ma jaqax taħt l-obbligu rateali tal-manteniment. L-Artikolu tal-Kodici Kriminali ifisser jirreferi biss ghal hlas ta’ manteniment f’dak il-perjodu li tindika l-Qorti. Fil-kaz ta’ sentenza ma hemmx terminu impost skond l-istess Artikolu.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-digriet mogħti llum stess dwar ir-rikors tal-appellant li fih talab lill-Qorti jekk il-proċeduri odjerni jivvjolawx l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ikkonsidrat

L-appellant jikkontendi li fil-**21 t’April 2010**

*‘mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-familja kien tneħħa l-manteniment tal-mara, inżamm tal-iben u kien hemm tpaċija mill-Imħallef bejn dak li kellu jagħti r-raġel u dak li kellha tagħti l-mara.’*

L-appellant isostni li la darba saret din it-tpaċija, allura issa jeżisti kreditu ċivili u mhux obbligu ta’ manteniment. Filfatt dan huwa l-ġist kollu tal-aggravju tal-appellant fi ftit kliem.

Issa, skond iċ-ċitazzjoni, il-perjodu kopert huwa Jannar u Frar 2010, jiġifieri **qabel** ma ngħatat is-sentenza li għaliha saret referenza għaliha aktar ‘il fuq.

Sa dak iż-żmien żgur kien għadha ‘in vigore’ l-obbligazzjoni li l-appellant iħallas il-manteniment dovut.

B’danakollu l-appellant ma mexiex mal-ordni, u wkoll wara dan iż-żmien, skond ix-xhieda mismugħa fit-22 ta’ Novembru 2010, għad jonqos x’jitħallas da parti tal-appellant.

Is-sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-familja tal-21 t’April 2010 bl-ebda mod ma tħassar iċ-ċitazzjoni odjerna jew is-sejbien ta’ ħtija dwar in-nuqqas tal-appellant li jaderixxi għall-obbligu tiegħu skond l-istess ċitazzjoni. L-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili.

Ikkonsidrat

Mill-fedina penali jirriżulta li kien hemm diversi kundanni – 23 waħda - tal-appellant minħabba li ma kienx qed jonora dan l-obbligu. Kien hemm fejn ingħata ċans u fl-aħħar tnax-il darba kien hemm kundanni ta’ detenzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li s-sentenza tal-21 t’April, 2010 bl-ebda mod m’għandha effett fuq il-proċeduri kriminali dwar in-nuqqas ta’ ħarsien tal-obbligu tal-manteniment mill-appellant għax-xhur ta’ Jannar 2010 u Frar 2010.

Il-Qorti lanqas ma tarax xi raġuni għala għandha tibdel il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali Qorti tal-Familja nhar l-14 ta’ Ġunju 2010.

Konsegwentement qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-14 ta’ Ġunju 2010 fl-ismijiet premessi kollha kemm hi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------